**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 2 ta' Diċembru, 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**-vs-**

**Abdulhamed Chekhali detentur tal-Karta tal-Identità numru 0022325A.**

*Kumpilazzjoni Nru. 11/2022*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Abdulhamed Chekhali** u ċioe talli:

> Nhar l-04 ta' Ġunju 2021, ghal ħabta tas-13:00hrs ġewwa l-Pitkalija, Attard u/jew f'dawn il-gżejjer Maltin:
>
> 1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem ta' natura gravi jew fis-saħħa ta' Clint Catania hekk kif iċċertifikat minn Dr Julian Grima MD reg No. 3589 miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta
>
> Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tipprovdi għas-sigurtà' ta' Clint Catania garanzija ai termini tal-artikoli 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tal-21 ta' Diċembru, 2023[1] permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-Artikoli 17, 31 tal-Kodiċi Kriminali;
2. Fl-artikolu 214 tal-Kodiċi Kriminali;
3. Fl-artikolu 216(1) tal-Kodiċi Kriminali;
4. Fl-artikoli 382A u tal-Kodiċi Kriminali;
5. Fl-artikoli 412Ċ u 412D tal-Kodiċi Kriminali;
6. Fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li fis-seduta tal-14 t' April, 2023, l-imputat taha il-kunsens tiegħu biex il-każ jinstema w jiġi ġudikat minn din l-Qorti;[2]

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fis-16 ta' April, 2024.

## <u>IL-PROVI</u>

**Emanuel Schembri** spjega kif fiż-żmien l-akkadut kien jokkupa l-kariga ta' Aġent CEO tal-Malta Food Agency, dipartiment tal-Gvern ġewwa l-Pitkalija. Dakinhar tal-inċident, ghal ħabta tal-ħdax ta' filgħodu, x'ħin kien għaddej minn quddiem ix-*sheds* fejn jinbiegħ il-ħaxix, ra tnejn min-nies, l-imputat u l-parte leża Clint Catania li hu aġent, jiġġieldu. B'hekk intervjena billi mar f'nofshom sabiex iferraqhom.[3] Hu kien mar fuq il-post għaliex ftit qabel sema' xi għajjat, *"l-ewwel bdew bil-kliem umbgħad resqu lejn xulxin u ha jaqbdu jagħtu bl-idejn u mort*

[1] Fol.107
[2] Fol.117
[3] Fol.10-11

*niġri"*. L-imputat kien tqabbad minnu sabiex jagħmel xogħol ta' manutenzjoni.[4] Minn dak li sar jaf, l-argument inqala' meta *"it-tnejn (2) iggieldu fuq prezz li qal wiehed (1) lil iehor, igifieri l-Agent tah ta xi ħaxix li kien qed jixtri Hamid, u Hamid ma ogghbux u qabdu jilletikaw fuqha..."*.[5] Spiċċaw jagħtu bil-ponn. Issemmi kif zmien wara l-imputat u Catania kienu qalulu li kienu irranġaw id-diżgwid li kien hemm bejniethom tant li jidhirlu li l-imputat reġa' beda jixtri merċa mingħand Catania.[6]

Il-vittma **Clint Catania** xehed kif kien qed ibiegħ il-ħaxix lill-imputat u *"Darba fost l-ohrajn nizel bajjad il-blokka l-oħra u bl-istess kaxxa tal-bżar tal-kulur li kien jixtri, sab jixtriha b'five (5) euro, jien kont inbighilu one (1) il-kilo, hadha minn idejn il-bidwi, fhimtha u ġie u qalli inti qed tfottini u min hemm bdiet l-istorja, dik l-istorja kollha ghal five (5) euro...beda jiġi jtajjar il-bzieq f'wiċċi peress li fottejtu ..."*. Ikompli jispjega li ghalkemm huwa kien qal lill-imputat li jekk ma riedx il-ħaxix ma jieħdux, l-imputat ried bilfors li l-vittma ibiegħlu l-ħaxix bil-prezz tal-bidwi l-iehor li kien xtrah il-jum ta' qabel meta l-prezz kien aktar baxx. F'ħin minnhom ġew fl-idejn għax it-tnejn qabżitilhom u imnalla kien Schembri li ferraqhom. B'konsegwenza hu spiċċa b' subgħajh iż-żgħir tal-id xellugija mkisser u kellu jiġi operat, kif juri ċ-ċertifikat mediku[7] li ppreżenta.[8]

Ix-xhud kompla li wara l-inċident huma rranġaw l-affarijiet bejniethom. Hu kien talab lill-imputat kumpens ta' elfejn Ewro biex ipatti għat-telf li sofra meta ma marx xogħol, iżda l-imputat ma deherx iżjed ħdejn il-Pitkalija.[9]

Il-Ġrieħi

**Dr. Julian Grima** spjega li nhar l-4 ta' Ġunju 2021, ghal ħabta tal-10:45pm huwa kien eżamina lil Clint Catania minn fejn irriżulta li huwa kellu ksur f'subgħajh iż-żgħir t'idu x-xellugija, għalhekk irreferih għall-isptar Mater Dei sabiex jiġi eżaminat mill-speċjalisti tal-għadam. Jikkonferma li l-ksur li ġarrab Catania kien ksur frisk.[10]

Mir-riżultat tal-*X-ray*[11] meħud fl-4 ta' Ġunju, 2021 li esebixxa, dehret "*spinal fracture of the left fifth proximal phalanx*". L-għada ittieħed *X-ray* ieħor fejn dan ġie konfermat. Mir-rapport tal-eżami mediku li esebixxa, li meta sar l-eżami

[4] Fol.12
[5] Fol.12
[6] Fol.15
[7] **Dok.CC1** a fol.29
[8] Fol.19-21
[9] Fol.23-24
[10] Fol.30
[11] **Dok.JG1** a fol.35

nhar l-4 ta' Ġunju 2021, it-tabib rrapporta li "*this gentleman came to clinic in v/o little finger pain left hand after he was allegedly involved in a fight. No other trauma except little finger*".[12]

**Mr Alistair Pace**, konsulent tal-Orthopaedic Surgery, spjega li huwa ltaqa' mal-vittma Catania ġewwa s-St Thomas Hospital, Ħal Qormi, f'Ġunju tas-sena 2021. Catania kien infurmah li huwa kien involut f'argument ma xi ħadd u waqt l-argument dan tal-aħħar qabadlu s-subagħ' ż-żgħir t'idu x-xellugija u sofra xi ġrieħi. Catania infurmah li kien mar Mater Dei fejn hemmhekk ħadulu Xray u rriżulta li kellu ksur fis-subagħ iż-żgħir t'idu x-xellugija. Minħabba dan il-ksur, Catania kien ġie infurmat li kellu bżonn operazzjoni, iżda minħabba l-*waiting list* twila li kien hemm jistennew għall-operazzjoni, iddeċieda li jmur għand il-konsulent u jagħmel l-operazzjoni fi sptar privat. Infatti x-xhud infurmah li ghandu "*rotation deformity*" f'subgħajh u għalhekk kellu bżonn operazzjoni. L-operazzjoni saret fit-8 ta' Ġunju 2021 u wara ġie riferut għall-fiżjoterapija.[13]

L-**Ispettur Christabelle Chetcuti**, spjegat li nhar is-6 ta' Ġunju 2021 hija kienet ġiet infurmata mis-surġent 1526 Charlon Borg, li l-vittma Clint Catania kien għamel rapport għaliex huwa kien sofra ġrieħi ta' natura gravi wara li kien involut fi ġlieda ġewwa l-pitkalija. Skont dak rappurtat lilha, l-Ispettur stqarret li Clint Catania jaħdem ġewwa l-pitkalija bħala pitkal ibigħ il-ħaxix u dakinhar tal-inċident, l-imputat kien mar jikkonfronta lill-vittma għaliex sar jaf li pitkala oħra kienu qegħdin ibiegħu l-bżar aħdar bi prezz differenti minn dak li ta lilu. Waqt li l-vittma pprova jispjega lill-imputat li l-prezz tal-ħaxix jinbidel minn ġurnata għall-oħra, inqala argument u "*konsegwenza ta' hekk kien hataflu subghajh waqt li ġew fl-idejn u kien kiser sughajh Clint Catania*". L-Ispettur kompliet tistqarr li wara li kienet ikkonfermat l-identità tal-imputat, hija kienet ħaditlu stqarrija ġewwa l-uffiċċju tagħha Birkirkara fejn dan ikkonferma li l-argument kien inqala għaliex huwa sar jaf li l-vittma kien biegħlu ħaxix bi prezz differenti minn ta' bdiewa oħra u għalhekk spiċċaw ġew fl-idejn tant li kellu imur il-Kap Eżekuttiv, Emanuel Schembri, sabiex iferraqhom.[14]

Fl-**Istqarrija**[15] rrilaxxata mill-imputat nhar id-19 ta' Lulju 2021, dan stqarr li dakinhar tal-inċident, kien xtara ħames kaxxi bżar mingħand il-vittma ghal prezz ta' ħdax-il ewro l-kaxxa. Matul il-ġurnata x'ħin mar għand oħtu sabiex jtiha l-bżar, din informatu li kienet diġa xtrat il-bżar u xtratu ghal prezz ta' tliet Ewro. Għalhekk reġa' tela' l-Pitkalija u waqt li kien qiegħed mal-Kap Eżekuttiv Emanuel Schembri, lemaħ lil Clint Catania, u meta ra li ma kienx hemm nies

---

[12] **Dok.JG2** a fol.36
[13] Fol.79-82. *X-rays* a fol.84-85
[14] Fol.40-41
[15] **Dok.CC2** a fol.45

ħdejh, mar qallu li pitkala oħra kienu qegħdin ibiegħu l-bżar ghal prezz ta' tliet ewro minflok ħdax-il ewro kif kien biegħlu hu.

Catania wieġbu sabiex jitlaq l-hemm u li jekk irid imur jixtri m'għand ħaddieħor, filwaqt li Catania beda jimbuttah u jkellmu bi kliem ħażin. Waqt li kien qiegħed jimbuttah, l-imputat żamm lill-vittma minn idejh sabiex l-imputat ma jaqax lura għaliex kien hemm ċint għoli warajh. Kien f'dak il-mument li l-Kap Eżekuttiv u xi nies oħra ġew sabiex iferrquhom.

Imbghad l-imputat jagħmel dikjarazzjoni li Catania ma jsemmi xejn dwarha u ċioe kif l-għada bejnu u Catania kien qisu ma ġara xejn għaliex mhux talli tah *extension* tad-dawl biex ikun jista' jagħġen it-tajn iżda tah ukoll dulliegħa biex jaqsamha mal-ħaddiema.[16]

**PS1526 Charlon Borg** ippreżenta w ikkonferma l-**Current Incident Report**.[17]

L-imputat **Abdulhamed Chekali** għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda. Spjega li huwa kien ta' spiss jixtri ħaxix mingħand Clint Catania. Dakinhar talab għaxar kaxxi tal-ħaxix mingħandu li talbu €13 għal kaxxa. Peress li ra li l-prezz kien għoli, għaliex ħaddiehor kien qiegħed ibigħ l-istess ħaxix bit-€3, ikkonfrontah sabiex isaqsih għaliex kien talbu daqshekk. Sa dak il-ħin l-argument kien wieħed verbali biss,[18] iżda Catania:

| | |
|---|---|
| *"Xhud:* | *.......... beda jimbuttani u jghidli: 'Ohrog, ohrog' u jien hsibtu bhala cajt. U baqa` jimbuttani u waqqaftu u bdew jingabru n-nies. Mhux ġlieda jigifieri imma kliem biss. …hu beda jimbuttani u ġew in-nies u bdew jghiduli: 'X' gara, x' gara?'* |
| *Qorti:* | *Jigifieri inti m ghamiltlu xejn lilu?* |
| *Xhud:* | *Le jiena xtrajt minghandu biss.* |
| *Qorti:* | *Le imma meta beda jimbuttak inti mbuttajtu lura?* |
| *Xhud:* | *Le, le imma hu beda jimbuttani u hawn ic-cint kwazi metru u nofs u bzajt li ser naqa.* |
| *Qorti:* | *U mbuttajtu lura biex ma taqax inti.* |
| *Xhud:* | ***Biex ma naqax jien**.* |
| *Qorti:* | *Jigifieri inti li ghamilt biex tipprotegi lilek innifsek.* |
| *Xhud:* | ***Iva. …Le jien m ghamiltlu xejn**. Jiena ghidtlu: 'Qed ibieghu l-kaxxi bi €3 u lili tahthomli bit-13.'* |
| *Qorti:* | *Le, le meta hu qed jimbuttak u hsibt li ser taqa` fejn kien hemm dan ic-cint inti x' manuvra ghamilt li seta` forsi wegga subghajh?* |
| *Int:* | *Jiena ppruvajt inwaqqfu u kull ma damet sekondi. … Mhux siegha.* |

[16] Fol.46
[17] **Dok.CB1** a fol.66 et seq
[18] Fol.118-119

| | |
|---|---|
| *Int:* | *Is-Sinjur qed jghidli li wara xi jumejn milli nqala l-argument bdew jghidulu li subghajh ġie miksur.* |
| *Qorti:* | *All right.* |
| *Int:* | *L-ghada meta kienu qed jahdmu taw id-dawl u l-ilma biex jahdmu fil-hanut fejn kienu qed jahdmu u tawh anke dulliegh biex jieklu jigifieri ma kienx hemm konsegwenzi.* |
| *Qorti:* | *Imma dan allura ma staqsejtux int?* |
| *Xhud:* | *Jiena wara li bdew jghidu li miksura jiena ghidtlu: 'Kif miksura, gara tlett ijiem ilu u qed tghidli llum.'* |
| *Int:* | *Fil-fatt is-Sinjur qed jghid li meta nduna li subghajh miksura qallu: 'Meta ksirt subghajk?' u qallu: 'Dik il-ġurnata tal-ġlieda.' Qallu: 'Allura wara tlett ijiem tghid li hu miksur?".*[19] |

L-imputat jgħid ukoll li wara l-ġlieda, il-vittma u hu tkellmu normali bejniethom. Infatti jelabora li l-għada tal-inċident il-vittma kien anke ha xi dulliegħ lill-imputat biex jiekol.[20]

Ix-xiehda ta' Schembri fejn jingħad li hu ra lil Catania u l-imputat jagħtu bil-ponn, magħduda ma dik tal-istess Catania, twassal lil Qorti għal konklużjoni li suba Catania nkiser mhux kif jgħid l-imputat u ċioe meta dan imbotta lil Catania lura biex ma jaqax hu, iżda b'konsegwenza tal-alterkazzjoni fiżika li segwiet l-argument.

Jekk bniedem ser jaqa lura, jimbotta lil min qed quddiemu mhux mis-swaba tal-id iżda minn parti aktar soda w aktar viżibbli bħala s-sider u d-dirgħajn. Anke n-natura tal-ġrieħi propju fuq is-suba ż-żgħir fejn Catania sofra *rotation deformity* turi li dan ma seħħx kawża ta' xi ġibda iżda bilfors li ġie milwi jew sofra trawma.

Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat il-każ tagħha sal-grad rikjest.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reat li dwaru qed tinstab ħtija, tal-fedina penali tal-imputat minn fejn jirriżulta li hu mhux xi *first-time offender*, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha oħra tal-każ u mhux anqas il-fatt li jidher li dan l-inċident issa ntesa bejniethom u l-uniku pretensjoni ta' Catania hu li jiġi riżarċit għat-telf finanzjarju li ġarrab meta ma setgħax jaħdem minħabba l-ksur.

[19] Fol.119-120
[20] Fol.122-123

Hu biss dan il-fattur li jimmillita kontra li l-imputat jingħata piena karċerarja tenut kont li hawn si tratta ta' reat fejn intużat vjolenza. Tant li l-ġurisprudenza tgħallem:

> Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun ġie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.
>
> Skop iehor tal-piena huwa dak li tiġi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u għalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet oħra tal-piena.[21]
>
> Illi huwa propju għalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ……
>
> Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[22]
>
> Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; …..[23]

Snin qabel, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Josef Camilleri** qalet:[24]

> Illi umbaghad, kif anki gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (diversament preseduta) fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi"** [30.7.2004] : -
>
> *"… bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b' effett immedjat . Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem*

---

21 **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Deċiża 28.11.2006.

22 **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Deċiża 22.09.2009.

23 **Il-Pulizija vs Francis Mamo**; Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, per Onor. Maġistrat Dr. Doreen Clarke, Deċiża 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008

24 Per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono; Deċiża 15 ta' Novembru, 2007; Appell Kriminali Numru. 268/2007

*biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika* " (sottoliear ta' din il-Qorti)

u zgur li f' dan il-kaz l-appellant wera grad gholi ta' prepotenza w arroganza fl-incident de quo li ma jistax jigi kondonat mill-Qrati.

Lanqas ma jista' ma jitteħidx kont tal-kliem erudit tal-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha fil-ġuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs Victor Pace:**[25]

Dan it-tip ta' agir li, fortunatament f'dan il-kaz, ma kellux konsegwenzi aktar tragici, ma jista' jigi qatt kondonat mill-Qrati li ripetutament irritenew li "l-vjolenza ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, aktar u aktar fejn jintuzaw armi" w li "mhuwiex inoltre tollerabbli li f'socjeta' civili persuna ggorr arma fuqha kontra l-ligi – hi x'inhi r-raguni." (Ap. Krim. Ir-Repubblika ta' Malta vs. Noel Mizzi [15-12-2005] u ohrajn). Ghalhekk l-insenjament tal-oghla Qorti fil-kamp penali huwa li f'dawn il-kazijiet m'ghandix tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza imma wahda effettiva w immedjata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 214 u 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah **sena (1) priġunerija** li ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed tiġi sospiża ghal disa' (9) xhur millum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Inoltre ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali qed tordna lil ħati jikkumpensa lil Clint Catania fis-somma ta' erba' mitt Ewro (€400) fiż-żmien sitt xhur millum.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**

[25] Onor. Imħallef Dr. Joseph Galea Debono; Seduta tal-25 ta' Jannar, 2006, Att t' Akkuża Nru. 27/2003